MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 225/2007

Il-Pulizija
(Supt. M. Bonello)
Vs
Kevin Ellul
Omissis

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
talli fis-7 ta' April, 2000 u fil-jiem ta' qabel fil-Gharghur, limiti tan-Naxxar, ikkommetta serq ta' diversi ngenji u makkinarju tal-gebel u oggetti ohra, li huma stmati li jiswew aktar minn Lm1,000 minn Barriera li hija sitwata f' Tax-Xwieki, Gharghur, ghad-dannu ta' Francis Camilleri u s-socjeta' Camilleri Bros. (Gharghur) Ltd., liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u l-valur, u lok;

Kif ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi ghamel hsara volontarja fl-imsemmija apparat tal-barriera u jew

apparat iehor liema hsara hija ta’ aktar minn Lm50 izda anqas minn Lm500 ghad-dannu ta’ l-istess sid u/jew socjeta’ hawn fuq imsemmija.

Fl-ahhar nett ukoll talli hu recidiv b’ diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-31 ta’ Mejju, 2007, li biha, wara li rat l-Artikolu 332 tal-Kap. 9, ma sabitx lill-appellat hati w illiberatu mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-12 ta’ Gunju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata, w issib lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrieh u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :-
1. illi l-Ewwel Qorti applikat l-artikolu 332 tal-Kap. 9 fil-konfront ta’ Kevin Ellul minghajr ma kkunsidrat is-subincizi (3) u (5) tal-artikolu 390 tal-Kap. 9.
Issa huwa minnu li l-imputat fl-ebda hin ma kien obbligat li jitlob li tingieb il-kwerela pero’ huwa minnu ukoll li l-kwerela ma ntalbet qatt matul il-kumpilazzjoni la mill-imputat Ellul u lanqas ex officio mill-Qorti Istruttorja, w ghalhekk il-kwerela titqies li saret skond il-ligi u dan skond is-subinciz (5) tal-artikolu 390 tal-Kodici Kriminali.
Ghaldaqstant il-liberazzjoni tal-imputat Kevin Ellul mill-ewwel zewg imputazzjonijiet u cioe’ dawk tas-serq u dawk tal-hsara volontarja, bl-applikazzjoni tal-artikolu 332 tal-Kap. 9 ghad-delitti sofferti minn Francis Camilleri, hija liberazzjoni monka w invalida ai termini tal-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum li bih Dr. Franco Debono ghall-appellat iddikjara li kien qed jaderixxi mall-ewwel aggravju tal-Avukat Generali w cioe' li ladarba f'dan il-kaz il-kwerela ma ntalbitx mill-appellat jew mill-Qorti Istruttorja fil-kors tal-kumpilazzjoni, tkun prezunta li saret.

Rat il-verbal l-iehor li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li in vista ta' dan ghandha tinghata sentenza li tirrevoka s-sentenza appellata, pero', biex il-partijiet ma jigux privi mill-benefficju tad-*doppio esame* din il-Qorti ghandha terga' tibghat l-atti lill-Ewwel Qorti biex il-kawza tigi deciza mill-gdid fuq il-mertu fuq il-provi li diga' ngabru.

Ikkonsidrat

Illi din il-Qorti, bhad-difiza, taqbel perfettament ma' dan l-aggravju ta' l-Avukat Generali li din il-konsiderazzjoni ma setghetx taghti lok ghall-liberazzjoni ta' l-appellat.

Konsegwentement qed tirrevoka s-sentenza appellata w biex ma tiprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame,* kif qablu l-istess partijiet fis-seduta tal-lum, qed terga' tirrimetti l-atti lill-Ewwel Qorti biex il-kawza tigi deciza mill-gdid fuq il-mertu fuq il-provi gja migbura.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------